MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 153/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet**
**ta' l-assigurat taghha Emmanuel Zarb abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess**
**Emmanuel Zarb [265247(M)]**

**Vs**

**Lawrence Mizzi**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm124.95c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Emmanuel Zarb assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom

ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' disgha u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm99.95c), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) l-istess Emmanuel Zarb in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 t'April, 2004 ghall-habta tat-3.57p.m gewwa Pinto Wharf, Marsa, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Emmanuel Zarb, bin-numru ta' registrazzjoni ONE 175 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni KBC 398.

Ra illi l-konvenut Lawrence Mizzi, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 t'Ottubru, 2005, meta gewipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm124.95c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------